**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330
TEL: 21665500
email: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 23-15

**Data:** 14 ta' Ottubru 2015

**Hin:** 5:00 pm

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Preżenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Pawlu Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas - Kunsillier

- Michela Zammit- Ambaxxatriċi ġiet skużata

**MINUTI**

**TALBA**

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

1. **QARI TAL-MINUTI**

   Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Settembru 2015.
2. Il-Minuti ġew moqrija u approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier is-Sur Pawlu Bongailas

## 3. Ħwejjeġ li jirriżultaw mill-Minuti (Seduta 22.15):

Punt 4.3 – Is-Sinjura Sindku għarrfet il-Kunsill bil-laqgħa li għamlet mal-kumpanijja 'Premier Pest Control' kif kien ġie deċiż fis-Seduta preċedenti fejn uriet xi dokumeti lill-Kunsilliera li l-persuna li ġiet ippreżentata. Il-Kunsill qabel li għandna nixtru dan l-apparat bħala prova għal bandli biex b'hekk jitnaqqsu l-ilmenti rigward il-ħamiem u il-ħmieġ li qed jagħmel il-ħsara fl-art tal-bandli stess. Ukoll ser jintbgħat dan id-dokument lill-Għaqdiet tal- lokal bħala informazzjoni għalihom.

Punt 5.1 - Is-Sinjura Chircop ikkonfermat illi minn naħa tagħha kienet għarrfet lill-Kunsilliera fuq din l-attivita' għal diversi drabi f'Seduti preċedenti wara li s-Sinjura Sultana kienet saħqet illi xtaqet li il-Kunsilliera iltaqgħu ma l-organizzatur qabel ma saret l-attivita'.

Is-Sinjura Chircop baqet tisħaq illi dak miktub hawn fuq ma għamlitu bl-ebda intenzjoni u li lanqas ħasbet biex torganizza laqgħa ma kulħadd peres li normalment f'attivitajiet oħra ma jsirx hekk ukoll ikkonfermat illi meta l-organizzatur kien il-Kunsill u is-Sinjura Maria Sultana kienet il- Kunsill ukoll b'kumbinazzjoni ma gietx f'moħħa tippreżenta miegħu bl-ebda fini.

Is-Sinjura Sultana saħqet illi l-unika raġuni għalfejn xtaqet li saret laqgħa qabel l-attivita' biex b'hekk il-Kunsill kollu jiġi involut u infurmat b' li kien ser jiġri minn aktar qabel.

Punt 5.4 – Is-Sinjura Chircop ikkonfermat fuq il- post illi Triq Sir Agostino Portelli hija waħda '2 Way' mhux kif kien intqal fis- seduta preċedenti, b'hekk id-deċiżjoni li ma titwaħħalx mera ġewwa Triq il-Missjoni Taljana faċċata ta' din it-Triq ġiet riveduta biex il-mera issir.

Il-Kunsilliera saħqu li hemm bżonn gwida mit-TM biex jikkonfermaw li it- tabella tal-'One way' li hemm ġewwa Triq Melchiorre De Robles huma imwaħħlin sewwa biex jekk dawn qegħdin ħżiena jiġu irranġati minnufih biex is-sewwieqa ma jkollomx tfixkil.

Punt 6.2 – Is-Seg.Eżek. spjegat illi ix-xogħol ta' tisbieħ ħdejn l-iskola beda kif ġie issuġerit fis-Seduta preċedenti, kif ukoll preżentat

kwotazzjoni ta' 'bin' li l-Kunsill kollu qabel li għandu jinxtara u jitwaħħal barra il-kanċell ta' l-iskola minnflok dak li hemm għal ambjent aktar sabiħ għal benefiċju tat-tfal.

Punt 4.5 - Is-Seg.Eżek. staqsiet formalment lil Kunsillier Vince Bongailas kellux risposta fuq Triq Marina minn naħa tal-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsillier Vince Bongailas ikkonferma li kien għadu ma kellux risposta minn naħa tal-Ministeru u li ser ikun qiegħed iffakkar il-persuni ikkonċernati minn naħa tiegħu.

4. **Korrispondenza**

4.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar żewġ ilmenti mingħand l-istess persuna li joqgħod ġewwa Triq Santu Rokku.

Skip ħadra li qed jiġu in-nies jarmu bl-adoċċ u il-boroż jaqaw fi propjeta' privata minħabba il-fatt illi għandha ħajt baxx.

Dan l-ilment kien diġa intbgħat lill-Pulizija minn naħa tas-Seg. Eżek. aktar kmieni din il- ġimgħa biex ikellmu lill sid il- post u jgħolli aktar iċ-ċint.

Sewqan eċċessiv ġewwa Triq Santu Rokku, fejn aktar qabel fis-Seduti ġiet preżentata pjanta ta' 'Centre Strips' li ser ikunu qegħdin jiġu implementati minn TM dirett ġewwa din l-istess Triq imsemmija hawn fuq.

4.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar ilment li irċeviet mingħand persuma fuq dlam illi hemm in-naħa tar-Ricasoli u Wied Għammieq.
Il-Kunsill qabel illi issir applikazzjoni għal iżjed dawl f'dawn l-inħawi biex b'hekk l-approvazzjoni tkun għandna għal meta tiġi biex issir billi hemm aktar postijiet bla dawl u ilmenti li ġew qabel dan.

4.3 Is-Sindku ippreżentat email mill-Ministeru ta' l-Infrastruttura fejn qed iwieġbu lir- residenti illi għamlet ċertu ilmenti lil Ministeru dirett fosthom

nuqqas ta' dawl iktar il-fuq mill- 'Football Ground' kif ukoll in-naħa taċ ċumnijja int u sejra lejn Smart City.

Il-Kunsill qabel illi għandha issir applikazzjoni bil- lest għal aktar dawl bħal punt numru 4.2 kif ukoll terġa tintbgħat is- suġġeriment li jsiru 'Pelican Lights' iktar il'fuq mill- 'Football Ground' minħabba il-periklu li jkunu fih it-tfal biex jaqsmu it-triq għal 'Ground u b'hekk ikun hemm ukoll aktar dawl bl-istess 'Pelican Lights'.

4.4 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar email li irċeviet mill-M.S.D.C. fejn dawn qed jgħidu illi il- 'ficus' li hemm ġewwa Raħal Ġdid iridu jiġu allokati f'lokalitajiet oħra fejn hemm l-ispazju għalijhom minħabba illi ser jinqalaw matul il- proġett li ser ikun qed isir ġewwa l-istess lokalita'.

Il-Kunsill issuġerixxa li dawn jiġu imwaħħla fi Triq l-Isptar Navali fejn 'Edward Flats' jekk dan id- Dipartiment jaċċetta biex insebbħu dawn l-inħawi.

Is-Sindku qalet illi fil-fehma tagħha dawn is-siġar m'humiex tajbin għal dawn l-inħawi minhabba il-fatt li siġra ta' dan it-tip tikber ħafna u jaf iddejjaq ir-residenti tal-lokal.

4.5 Is-Sindku talbet lill-Kunsill jgħatu proposti fuq Triq Rinella li ġiet 'One Way' bl-approvazzjoni tat- TM kif ser tibqa minħabba il-fatt illi l-aprovazzjoni kienet tiskadi fl-aħħar ta' Settembru.

Il-Kunsil kollu qabel illi din it-Triq għandha tibqa 'One Way' għal kulħadd barra għal nies li jgħatu servizz ġewwa l-istess Triq bħal 'Postman' 'Coaches' ta' l-iskola tat-tfal, 'Rolling Geeks' eċċ.. Dan is– suġġeriment ser ikun qed jintbgħat lil TM kif suppost għal approvazzjoni ġdida.

4.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar email li reġgħet irċeviet mingħand residenta li toqgħod ix-Xatt illi aktar qabel kienet talbet il-Kunsill biex in- naħa tax-Xatt jiġi b'parkeġġ riservat biss għar residenti. Dan is-suġġeriment ma ġiex milqugħ mill-Kunsill ukoll fuq gwida ta' TM illi qatt ma nħareġ permess bħal dawn fl-ebda lokalita'.

Il-Kunsill qabel illi għandha tintbgħat risposta formali bl-informazzjoni t'hawn fuq minħabba il-fatt li din ir-residenta qed titlob risposta formali fuq liema kriterji il-Kunsill ma laqax is-suġġeriment tagħha.

4.7 l-Sindku infurmat il-Kunsill fuq email li 'rċeviet mingħand resident ġewwa Triq It- Turretta rigward il- ħmieġ tal-klieb li qed jitħalla mis-sidien meta joħorġu bil-klieb tagħhom stess.
Il-Kunsill ħa nota ta' dak kollu li ġie issuġerit f'din l-email u ser inkunu jitpoġġa artiklu fil- fuljett li ser jinħareġ aktar tard f'Diċembru f'dan ir-rigward li jitqassam f'kull dar ġewwa il- Kalkara.

4.8 Is-Seg.Eżek ikkonfermat mal-Kunsill kollu l-approvazzjoni li hija kisbet biex tinħareġ sejħa għal skrivana ġdida ġewwa il-Kunsill minħabba li is- Sinjura Carmen De Giovanni ser tkun qed tispiċċa bil- penzjoni.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi hija ser tkun qed tkellem id-Dipartiment tal-Kunsilli jekk hemmx xi mod li is- Sinjura DeGiovanni tibqa taħdem il-Kunsill għas- sentejn li ġejjin, biex filkaż li le tinħareġ is-sejħa għal skrivana ġdida minnufih.

4.9 Is-Sinjura Chircop uriet ritratt lill-Kunsill kollu li ġie mibgħut lilha kif ukoll kellima persuna rigward Triq is-Sibi biex titwaħħal tabella ta' fejn tindika li t-Triq tagħlaq minħabba il-fatt li kienu qed jidħlu il-karozzi u jkollhom idawru lura biex joħorġu minn dawn l-inħawi.

Il-Kunsill kollu qabel illi din ir- rikjesta għandha tintbgħat lil TM għal approvazzjoni tagħhom kif suppost.

4.10 Is-Sinjura Chircop uriet ritratt ta' fejn hemm il- poġġaman fit-taraġ li jgħati għal Triq il- Kajjik fejn resident qiegħed jitlob twaħħil ta' 'bollards' minħabba il-fatt illi il-karozzi jgħaddu b'sewqan eċċessiv u jaqbdu il-bankina viċin it-taraġ għal isfel.

Il-Kunsill oġġezzjona għat- twaħħil ta' dawn il- 'bollards' minħabba il-fatt illi jekk il-karozzi tiġi fi stat li taqbad il-bankina għat-taraġ żgur illi ma tgħaddix mill- passaġġ li hemm.

4.11 Is-Sinjura Sindku preżentat rapport b'ħafna ilmenti minn għand l-Assoċjazzjoni Mazzri rigward l-inħawi tax-Xewkija fejn intbgħatu ritratti ċari b'ilmenti separati.

Il-Kunsill kollu qabel illi ċertu ilmenti li ma jaqawx taħt il-Kunsill għandhom jiġu mibgħuta lill-entitajiet ikkonċernati kif ukoll tintbgħat ittra formali lill-Assoċjazzjoni biex ikunu infurmati li il-Kunsill ħa azzjoni fuq ir-rapport mibgħut lill-Kunsill minn naħa tagħhom.

**5.Komunikazjoni tas-Sindku**

5.1 Is-Sindku ikkonfermat għal darba oħra id-data tal-Laqgħa Pubblika li ser tkun qed issir fit-22 t'Ottubru filgħaxija ġewwa il- Kunsill stess wara li is-Seg.Eżek. kienet diġa bgħatet email formali lill-Kunsilliera kollha aktar kmieni fil-bidu t'Ottubru.

5.2 Is-Sindku infurmat il-Kunsill illi Triq is-Salvatur ser tiġi 'One Way' kif kienet qabel ma ingħalqet it-Triq minħabba il-parkeġġ li kien qed isir minn naħa ta' l-MSCT. Hija ukoll għarrfet il- Kunsill li ser ikunu qegħdin jintbgħatu Notifiki lir-residenti ta' l-inħawi biex ikunu infurmati kif ukoll ser tintbgħat email lill-TM għal informazzjoni tagħhom wara li l-approvazzjoni kienet ġiet minn naħa tagħhom.

5.3 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar l-emails li intbgħatu lil Periti ta' l-MSCT fuq l-affarijiet li għadhom pendenti u li jridu jitneħħew minn naħa tagħhom speċjalment quddiem il-Kunsill. Is-Sindku ikkonfermat illi hija stess marret tkellem il-Periti kif ukoll il- 'foreman' fuq dak kollu li fadal isir bħal dawl jitneħħew il-knatan tpinġija ma l-art tal-parkeġġ tal-karozzi.

Is-Sinjura Sultana issuġġeriet illi jekk mhux ser jgħatu każ l-ilmenti tal-Kunsill għandha tintbgħat ittra bl-avukat u ninfurmawhom illi kull inċident li jista jinqala' il-Kunsill mhux ser ikun responsabbli għalxejn.

5.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar attivita' li ser tkun qed titella' minn naħa taċ-Ċentru Leap bil-kaloborazzjoni tal- Kunsill fil-25 t'Ottubru filgħodu ġewwa ix-Xatt tal- Kalkara. Ukoll għarrfet il-Kunsill li ser tkun qed tamalgama l-attivita' tal-'Haloween' ma din l-attivita' imsemmija hawn fuq għat tfal u għal familja.

Il-Kunsillier Pawlu Bongailas talab aktar informazzjoni dwar din l-attivita' biex b'hekk ikun jista jinforma lin-nies fuq il-paġna tal-Kunsill għaliex kien hemm diġa xi residenti li staqsew fuq din l-attivita'.

5.5 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar laqgħa li ser issir mal-Każin tal-Għaqda Mużikali San Ġużepp biex b'hekk jiġu indirizzati xi diffikultajiet li għandhom dwar il- Kunċert ta' Jum il- Kalkara 2015.
Is-Seg.Eżek. ser tkun qed tagħmel din il-laqgħa fil-5 ta' Novembru fis-6:00pm wara li qabel il-Kunsill kollu fuq din id-data.

5.6 Is-Sindku infurmat il-Kunsill illi ser tkun qed torganizza ħarġiet fix-xhur t'Ottubru u Novembru :

- Ħarġa għal Anzjani u għal Familja fis-27 t'Ottubru.

- Ħarġa għal irġiel fid-29 t'Ottubru.

- Ħarġa għal Anzjani u Familja fejn ser ikunu qed iżuru il-President (aktar dettalji ser ikunu qegħdin jiġu ikkonfermati aktar tard dan ix-Xahar)

- Ħarġa għal irġiel ġewwa Għawdex
  (aktar dettalji ser ikunu qegħdin jiġu ikkonfermati aktar tard dan ix-Xahar)

Ukoll is-Sindku ser tkun qed taħdem fuq is-Serata għal-Anzjani u Familja li issir kull sena fl-okkażjoni tal-Milied li ser tkun qed issir fis- 17 ta'Diċembru 2015

Is-Sinjura Chircop talbet ukoll ismijiet ta' xi Anzjani rikoverati id-dar minn naħa tal-Kunsilliera biex iżżidhom mal- lista li diġa għandha hi biex b'hekk inkunu nistgħu 'nqassmu xi rigali żgħar għal ħabta tal-Milied ġewwa djarhom f'isem il-Kunsill bħal ma jsir kull sena.

5.6 Is-Sindku ippreżentat rendikont tal-flus kollha li inġabru matul l-attivita' li ġiet imtella' f'isem il-Kunsill Lokali għal Karita' aktar kmieni f'Settembru 2015 bis-saħħa ta' l-isponsors li ħadu sehem biex jgħinu il- Kunsill f'din l-attivita'.

Is-Sindku ser tkun qed tippreżenta ċekk lill-MaryGold Foundation' kif ukoll l-istess ammont ser ikun qed jingħata lil-Dar il-Wens.

5.7 Is-Sindku ipproponiet idea għal Miliied 2015 li talbet ukoll l-għajnuna tas- Sinjura Maria Sultana biex b'hekk jiltaqgħu mal-Kap ta' l-iskola Primarja

tal- Kalkara fejn kull tifel u tifla ikollu opportunita' li jagħmel xi tip ta' dekorazzjoni tal- Milied biex finalment jitwaħħlu mas-Siġra imżejna li hemm mal-ġenb tal-Knisja għal atmosfera'.

Il-Kunsill kollu qabel dwar dan il-punt.

5.8 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar is-siegħat tal-leave li għandhom vakanti minn naħa tas-Seg.Eżek. li ma kinetx għamlet użu minnhom matul din is-sena 2015 ser ikunu qegħdin jiġu imġedda għas-Sena 2016 kif inhu xieraq.

Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

## 6.KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA

### 6.1 Il-Viċi Sindku Christopher Bruno għadda dawn il-punti

1. Is-Sur Bruno staqsa dwar is-swar tal-Birgu peress illi hemm biċċa minnhom imissu mal-Kalkara u ma ġewx irrestawrati mal-kumplament.

Is-Sinjura Chircop ikkonfermatlu illi is-swar tal-Kalkara qegħdin jiġu diskussi mal-Kumitat tar-Riħabilitazzjoni tal-Kottonera li hi membru fih. Ukoll is-Sur Pawlu Bongailas ikkonfermalu illi ix-xogħol kien sar minn naħa tal-Gvern Ċentrali b'Fondi Ewropej li kienu ilhom li applikaw għalijhom aktar minn 5 snin ilu.

2. Is-Sur Bruno talab lis-Seg.Eżek. biex iġġib gwida u approvazzjoni minn TM biex fi Triq is-Sienja isiru tabella u sinjali minħabba li ma hemm xejn li jigwida is- sewwieqa li jgħaddu minn din it-Triq biex b'hekk jitnaqqas il-periklu.

3. Is-Sur Bruno staqsa lis-Seg.Eżek kienux twaħħlu tabelli tal-iskart fi Triq Santa Liberata ( fejn irranġaw villa ) kif kien talab aktar kmieni dan ix-xahar.

Is-Seg.Eżek. ikkonfermatlu illi dawn it-tabelli twaħħlu kif fil fatt spjega hu stess fuq it-telefown lil ħaddiem tal-Kunsill.

4. Is-Sur Bruno informa lil Kunsill dwar ilment li qalulu xi residenti fuq dlam li hemm fil-garaxxijiet ta' Triq il-Kapuċċini, fejn hu spjegalhom illi dawn il- garaxxijiet ma jaqawx taħt il- Kunsill b'hekk il- Kunsill ma jista jagħmel xejn biex jgħinhom.
5. Is-Sur Chris Bruno għarraf il-Kunsill dwar il- laqgħa li kellu ma l-Onorevoli Stefan Buontempo rigward il-proġett kapitali li qed isir ġewwa il-Kunsill tal-Kalkara għal- benefiċċju tal- Kunsilliera kollha. Huwa spjega li kienet laqgħa pożittiva ħafna u li qed jistenna aktar feedback fuq dak li fil verita aktar kmieni ix-xahar li għadda il-lecturer talab il-Kunsill jaħdem fuqu: l-Iskart ġewwa il-lokalita'. Flyers ser ikunu qegħdin jitqassmu madwar il-lokal kollu kif ukoll lit-tfal ta' l-iskola biex b'hekk dan l-eżerċizzju ikun aktar effettiv.

6. Is-Sur Bruno ġibet l-attenzjoni lill-Kunsill illi l- funtana tax-Xatt kienet qegħda tarmi l-ilma il-barra fil-ġranet li għaddew.

Is-Seg.Eżek spjegat illi l-funtana ġiet irranġata u mnaddfa mill-ħaddiema tal- Kunsill u li bis-saħħa tal-proġett kapitali il-funtana ser tkun qed tiġi irranġata / mibdula.

Is-Sur Bruno ukoll, saħaq illi fil-fehema tiegħu tajjeb li jsir hekk minħabba illi qegħdin jintefqu ħafna flus fuqha tranġar ta' din il- funatana għalxejn.

7. Is-Sur Bruno staqsa formalment lis-Seg.Eżek. jekk l-ex kuntrattur tad-dawl tal-Kunsill is- Sur Lawrence Zammit kienx tħallas.

Is-Seg.Eżek. ikkonfermat li il-pagament finali inħareġ aktar kmieni dan ix-xahar kif kien imwiegħed.

8. Is-Sur Bruno staqsa jekk kienx hemm xi feedback rigward il-proġett kapitali li għadda u li ser isir kif jinħarġu il-fondi ewropej.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi laqgħat qed isiru ta' spiss, id- diskussjonijiet għaddejin mal- Awtoritajiet ikonċernati kif ukoll ingħaqad it-team li ser ikun qed jaħdem fuq dan l-istess proġett.

9. Is-Sur Bruno ikkonferma twaħħil ta' l-ATM amalgamata mal- proġett ta' Bighi li ser tkun qed titwaħħal għal ħabta ta' Jannar mil-Bank BOV.

10. Is-Sur Bruno saħaq illi hemm bżonn jinżabru is- siġar li hemm jgħatu għal barra l-għelieqi privati fejn iċ-ċumnijja int u sejjer lejn Smart City.

Is-Seg.Eżek ser tkun qed tibgħat email lil Pulizija minħabba illi l-għelieqi ma nafux ta' minm huma u minhabba illi il-Kunsill ma jistax jiżbor siġar fil-propjeta' privata.

## 6.2 Kunsilliera Is-Sinjura Maria Sultana

- Is-Sinjura Sultana talbet lill-Kunsill jekk jaqblux illi meta l-iskola ikollhom bżonn ta' PA System, il- Kunsill jistax isellifhom tiegħu.

Il-Kunsill kollu qabel illi kull meta jkollhom bżonnu jistgħu jiselfuħ għal benefiċċju tagħhom.

- Is-Sinjura Sultana talbet lill-Kunsill biex jibgħat xi ħaddiema minn tal-Kunsill stess biex jgħinu f'xi twaħħil ta' madum ġewwa l-iskola peress illi hemm problema ta' ilma.

Il-Kunsill kollu qabel illi il-ħaddiema jistgħu jgħinu lil l-iskola f'dan ix-xogħol illi l-iskola ikollha il- materjal f'idha.

- Is-Sinjura Sultana issuġeriet u talbet lill-Kunsill jekk jaqbilx illi pakketti tal-boroż il-ħodor ikunu eleġibbli ukoll ġewwa il- Berġa tal-Kunsill għal benefiċċju ta' l-anzjani illi isibuwha bi tqila li jitilgħu sal-Kunsill għalijhom.

Il-Kunsill kollu barra is-Sindku qabel dwar dan bil-patt u il- kundizzjoni illi ikun hemm kontroll assolut fuq min ġabar jew ma ġabarx boroż griżi.

Is-Sinjura Chircop ma qablitx minħabba illi ċertu nies qegħdin jabbużaw minn dawn il-boroż għaliex huma b'xejn u mhumiex qegħdin jiġu użati kif suppost, barra minn hekk jista jkun ikun hemm min jiġbor il-boroż darbtejn kemm mill-Berġa kif ukoll mill-uffiċini tal-Kunsill

**Il-Kunsillier Pawlu Bongailas għadda dawn il-punti**

- Is-Sur Bongailas saħaq illi hemm bżonn li l-Kunsill jieħu passi u jkellem lil Sid ta' Davids Bakery minħabba l-ammont ta' ilma li jinżel ta' kuljum mill-arja kundizzjonata tiegħu

- Is-Sur Bongailas saħaq illi hemm bżonn illi il- ħwienet Viri's Take Away, il-Każin tal-Festa kif ukoll il- Petshop, iridu jħallu il-boroż tal-iskart rispettivi tagħhom ma n-naħa tal-ħanut tagħhom u mhux max-Xatt minhabba illli dawn qegħdin ikerrħu ix-Xatt tal- Kalkara.

- Is-Sur Bongailas talab il-Kunsill biex jinżeraw xi pjanti / fjuri ġewwa il-pots tal-konkrit li hemm fejn il-'Housing Estate viċin Triq is-Sibi bejn Blokk A u Blokk B

- Is-Sur Bongailas talab lis-Seg.Eżek tagħmel rapport lill minn hu konċernat fuq wires imdendlin ġewwa Triq Santu Rokku numru 46

- Is-Sur Bongailas issuġerixxa illi il- 'Complaints Form' illi suppost qed jiġu użati minn nies għal kull xorta ta' ilmenti jew suġġerimenti jintbgħatu mal- fuljett li joħroġ f'Diċembru biex b'hekk in-nies jiġu infurmati illi għandna dan is- servizz li jilmentaw u jibqgħu anonimi.

Il-Kunsil kollu qabel dwar dan.

Is-Sur Bongailas staqsa jekk kienx hemm risposta biex issir laqgħa mal-President u Segretarju tal-Kalkara Football Club fuq il-problema li għandu il-Kunsill tal-kontijiet tad-dawl.

Is-Seg.Eżek spjegat illi is-Segretarju kien l-isptar b'hekk il- laqgħa għada ma ġietx ikkonfermata.

Is-Sur Bongailas saħaq illi kull Kunsillier għandu jibgħat kull tip ta' informazzjoni li jkunu jridu jiġu ippublikat fil-fuljett li jinħareġ f'Diċembru minn naħa tal-Kunsill mill- aktar fis possibli biex b'hekk jiġi draftjat il- fuljett għal din is- sena 2015

Is-Sur Bongailas bħala Chairman tas- Sotto Kumitat ta' Ġieħ u Unur il-Kalkara, informa il- Kunsill illi l-ewwel laqgħa mal-membri marret tajjeb ħafna u inbeda ix-xogħol minn naħa tagħhom biex b'hekk jintgħażlu Ġieħ u Unur il-Kalkara b'mod Professjonali.

Xi punti li qed jiġu diġa itekiljati minn naħa tas-Sotto Kumitat huma:

Lista ta' nies li huma eliġibli għal dawn il- premji
Formola tan-Nominazzjonijiet diġa intbgħatu lill-Għaqdiet tal-lokal,
fil-laqgħa li jmiss mal-membri kollha tas-Sotto Kumitat ser tkun aktar tard f'Novembru 2015

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għal-Hamis 19 ta' Novembru 2015 fil-5:00pm.

**Speranza Chircop**
**Sindku**

**Elaine Caruana**
**Seg.Eżek.**